

Brussell, 13 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12811/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0805(NLE)**

---

**INST 330**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni li taħtar Membru tal-Kummissjoni Ewropea – Adozzjoni

---

1. F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "Post battal ikkawżat b'riżenja, b'irtirar obbligatorju jew b'mewt għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-membru minn membru ġdid ta' l-istess nazzjonalità maħtur mill-Kunsill, bi ftehim komuni mal-President tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u skont il-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."
2. F'ittra datata l-15 ta' Mejju 2023, is-Sa Ursula VON DER LEYEN, President tal-Kummissjoni, infurmat lill-Kunsill li s-Sa Mariya GABRIEL kienet irriżenjat mill-kariga tagħha bħala Membru tal-Kummissjoni<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> 9304/23.

3. Fit-3 ta' Lulju 2023, il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija ppropona l-kandidatura tas-Sa Iliana IVANOVA għall-post vakanti.<sup>2</sup>
4. Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tas-Sa IVANOVA għall-kariga ta' Membru tal-Kummissjoni Ewropea.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Settembru 2023.
6. Bi tweġiba għall-ittra tal-Presidenza tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2023<sup>3</sup>, fit-13 ta' Settembru 2023 il-President tal-Kummissjoni nnotifikat il-qbil tagħha dwar il-ħatra tas-Sa IVANOVA bħala membru tal-Kummissjoni Ewropea<sup>4</sup>.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar id-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 12141/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

<sup>2</sup> 11262/23.

<sup>3</sup> 12874/23.

<sup>4</sup> 12971/23.